



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Baġits*

---

**2010/2300(INI)**

1.4.2011

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Iżvilupp

dwar il-futur tal-appoġġ baġitarju tal-UE lil pajjiżi li qed jiżviluppaw  
(2010/2300(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Anne E. Jensen

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Huwa sorpriż bl-ammont modest ta' data u ċifri relatati mal-appoġġ baġitarju mogħti mill-Kummissjoni fil-Green Paper, u jistaqsi kif il-partijiet kif ukoll dawk li huma interessati jistgħu jikkontribwixxu b'mod sħiħ għal din il-konsultazzjoni mingħajr data kondiviża u disponibbli relatata ma' ċifri u xejriet fil-qasam tal-appoġġ baġitarju;
2. Huwa tal-opinjoni li l-għajnuna tal-UE għandha tiġġenera bidla reali fil-kwalità fil-pajjiżi sħab u jirrikonoxxi li l-appoġġ baġitarju huwa għodda effikaċi biex jintlaħaq dan l-għan, sakemm, apparti li jissarraf f'kundizzjonalità, jintuża flimkien ma' djalogu politiku u ta' politika effikaċi;
3. Iqis li jekk l-appoġġ baġitarju jintuża b'mod korrett ikun strument importanti ħafna għall-iżvilupp, li jsaħħaħ is-sjieda tal-istrateġiji tal-iżvilupp f'pajjiżi sħab, isaħħaħ l-obbligu ta' rendikont tal-gvernijiet u jagħmel l-għajnuna iżjed prevedibbli; jenfasizza, madankollu, li l-appoġġ baġitarju m'għandux ikun sempliċement trasferiment finanzjarju, iżda aktar minn hekk għandu jifforma parti minn pakkett li jkun jinkludi djalogu politiku, valutazzjoni tal-prestazzjoni, bini tal-kapaċità u interventi ta' appoġġ oħra;
4. Ifakkar li huwa esenzjali li jkun hemm indikaturi definiti b'mod ċar, appoġġati b'mod wiesa' u ssorveljati mill-qrib biex jintwerew l-effetti konkreti tal-appoġġ baġitarju f'pajjiżi terzi, u li l-awtoritajiet baġitarji rilevanti għandhom jiġu aġġornati regolarment dwar l-indikaturi u l-linji gwida li jsawru l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward tal-appoġġ baġitarju; jenfasizza li dawn l-indikaturi jridu jkunu adattati aħjar għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-pajjiżi sħab biex jiġi evitat l-approċċ "qies wieħed għal kulħadd" li ħadet il-Kummissjoni, li potenzjalment huwa kontroproduktiv;
5. Huwa tal-fehma li d-deċiżjonijiet ta' finanzjament rigward l-appoġġ baġitarju jridu jiġu xprunati mhux biss mill-benefiċċji mistennija iżda wkoll mir-riskji fuq perjodu ta' żmien qasir u medju preżenti kemm fil-pajjiżi donaturi kif ukoll f'dawk sħab; jinnota li l-Qorti tal-Awdituri, fir-Rapport Speċjali tagħha<sup>1</sup>, taqbel għalkollox ma' din il-valutazzjoni, billi enfazzat il-fatt li għad irid jiġi żviluppat u implimentat qafas sod ta' ġestjoni tar-riskji;
6. Iqis il-prevedibilità tal-flussi ta' għajnuna bħala wieħed mill-aktar fatturi importanti biex tkun żgurata l-kwalità tal-infiq, peress li tippermetti lill-pajjiżi sħab li jwettqu ppjanar ta' nfiq fuq medda twila ta' żmien u jsostnu titjib fil-politiki settorjali; jippromwovi t-tisħiħ ta' dan l-approċċ permezz tal-politiki fiskali tal-pajjiżi sħab u l-mobilizzazzjoni tad-dħul domestiku li, fuq perjodu twil ta' żmien, għandu jnaqqas id-dipendenza fuq l-għajnuna;
7. Iqis li pedament tal-appoġġ baġitarju u prerekwiżit għas-sostenibilità tiegħu huwa li l-partijiet iwieġbu għal għemilhom b'mod effikaċi u reċiproku; iqis mhux biss li l-gvernijiet kemm fil-pajjiżi donaturi kif ukoll f'dawk sħab għandhom iwieġbu għal għemilhom b'mod

---

<sup>1</sup> Rapport Speċjali Nru 11/2010 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Il-ġestjoni mill-Kummissjoni tas-Sostenn Baġitarju Ġenerali fil-pajjiżi AKP, tal-Amerika Latina u tal-Asja".

sħiħ domestikament, iżda wkoll li huwa ugwalment importanti li l-gvernijiet, il-membri parlamentari u ċ-ċittadini fuq iż-żewġ naħat iwieġbu għal għemilhom mal-kontropartijiet rispettivi tagħhom; huwa tal-fehma, f'dan ir-rigward, li għandhom isiru aktar sforzi biex tiżdied il-kuxjenza pubblika fil-pajjiżi donaturi u sħab rigward l-ambitu u r-riżultati tal-appoġġ baġitarju;

8. Jenfasizza li l-obbligu ta' rendikont ta' gvern sieħeb lejn iċ-ċittadini tiegħu hu fattur ta' stimolu ewlieni għall-kisba ta' riżultati f'dak li hu żvilupp; jinnota li sa issa kien hemm biss titjib modest fir-responsabilità domestika, parzjalment minħabba li s-soċjetà ċivili u l-parlamenti f'bosta pajjiżi ma għandhomx il-kapaċità li jirrakkomandaw u jissorveljaw għażliet ta' politika bħala parti minn proċess baġitarju trasparenti; jitlob, għalhekk, l-introduzzjoni ta' involviment sistematiku tal-parlamenti nazzjonali u tas-soċjetà ċivili fid-djalogo politiku dwar it-tnaqqis tal-faqar u fir-rieżamijiet annwali tal-appoġġ baġitarju;
9. Jenfasizza l-bżonn li jiġu indirizzati l-frodi u l-korruzzjoni, billi dawn il-fatturi jitqiesu bħala theddida partikolarment serja għall-miri ta' żvilupp u għall-effikaċja tal-appoġġ baġitarju, bil-potenzjal li jdgħajfu l-leġittimità tar-rikors għalih;
10. Huwa konvint ferm li analiżi dettaljata tal-futur tal-appoġġ baġitarju tal-UE lil pajjiżi terzi għandha tindirizza l-kwistjoni tal-inklużjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fil-baġit; huwa konxju dwar il-kuntest storiku u istituzzjonali tas-sitwazzjoni attwali, iżda jemmen li wasal iż-żmien li l-Kunsill, l-Istati Membri u l-pajjiżi tal-AKP jirrikonoxxu li din is-sitwazzjoni hija ta' ħsara għall-effiċjenza, għat-trasparenza u għar-responsabilità tal-appoġġ baġitarju tal-UE; jenfasizza madankollu li l-integrazzjoni fil-baġit ma għandhiex tinvolvi tnaqqis fil-pakkett finanzjarju globali għall-politiki ta' żvilupp;
11. Jirrimarka li l-UE għandha aktar piż fil-livell internazzjonali mis-somma tal-Istati Membri individwali tagħha; jistieden lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), bi qbil mal-prattika stabbilita f'oqsma politiċi oħra, biex itejbu l-koordinament tal-appoġġ baġitarju rispettiv tagħhom lil pajjiżi terzi biex jiġu evitati u/jew eliminati xogħol doppju, inkonsistenzi u każijiet ta' nuqqas ta' koerenza; jiddeplora r-rieżamijiet li jindikaw li, fil-livell settorjali, politiki, istituzzjonijiet u sistemi ta' prestazzjoni tas-servizzi dgħajfa wasslu lid-donaturi biex jużaw is-sistemi tagħhom stess biex jimplementaw proġetti, u biex jadottaw imġiba bilaterali flok koordinata, sitwazzjoni li hija aktar u aktar inaċċetabbli fil-kuntest ta' finanzjament skars u li tagħmilha wkoll diffiċli ħafna għall-UE li twestaq li wiegħdet biex l-għajjnuna ssir aktar prevedibbli; jisħaq li enfasi fuq oqsma speċifiċi li joffru l-akbar valur miżjud għandha tixpruna l-appoġġ baġitarju tal-UE fil-fażijiet kollha tat-tnejjija u tal-ġhoti;
12. Jenfasizza li l-għanijiet ta' koordinament imtejjeb huma li titejjeb kemm jista' jkun l-allokazzjoni tar-riżorsi, jittejjeb l-iskambju tal-aħjar Prattiki u tingħata spinta lill-effiċjenza tal-appoġġ baġitarju;
13. Iqis li l-Unjoni għandha tirrikonoxxi u tuża l-valur miżjud iġġenerat mill-piż politiku enormi tagħha u mill-ambitu potenzjalment wiesa' tal-azzjoni tagħha, b'mod li tiżgura influwenza politika proporzjonata mal-appoġġ finanzjarju mogħti.

**BUDGET SUPPORT FROM EUROPEAN DEVELOPMENT FUND**

**COMMITMENTS AND PROGRAMMING  
IN ACP COUNTRIES UNTIL END 2009**

Country	9th EDF (2003-2007) commitments		10th EDF (2008-2013) programming		10th EDF (2008-2013) commitments	
	GBS	SBS	GBS	SBS	GBS	SBS
Barbados		10 500 000		8 300 000		
Burkina Faso	197 000 000	2 000 000	320 000 000	75 000 000	325 620 000	50 000 000
Burundi	84 120 000		90 000 000		68 700 000	
Benin	92 580 000	97 000 000	100 000 000	75 600 000	76 900 000	25 000 000
Bahamas			4 200 000			
Botswana		51 416 000		62 000 000		60 000 000
Belize				10 000 000		
Congo (RDC)	106 000 000				22 620 000	
Central African Republic	18 530 000		34 000 000		29 210 000	
Congo (Brazzaville)	30 450 000					
Cape Verde	21 225 000		33 000 000		16 300 000	11 500 000
Dominica		10 780 000	4 600 000			
Dominican Republic	38 000 000	48 200 000	91 300 000	53 700 000		
Ethiopia	58 273 703	162 464 024	195 000 000	200 000 000		200 000 000
Falkland Islands		4 547 116				
Gabon				10 000 000		
Grenada		10 000 000		5 000 000	5 290 000	
Ghana	111 000 000	5 000 000	175 000 000	83 000 000	216 020 000	8 000 000
Gambia			22 000 000			
Guinea-Bissau	18 100 000		32 000 000		32 950 000	
Guyana	41 196 379		30 200 000	14 800 000		
Haiti	36 200 000		48 000 000	10 000 000	64 580 000	
Jamaica	32 550 000	12 250 000	60 500 000	33 000 000	41 900 000	33 000 000
Kenya	125 000 000		126 800 000	66 400 000		
Comoros		16 465 000			7 270 000	
Saint Lucia				6 900 000		
Liberia	3 500 000		20 200 000		27 000 000	

Country	9th EDF (2003-2007) commitments		10th EDF (2008-2013) programming		10th EDF (2008-2013) commitments	
	GBS	SBS	GBS	SBS	GBS	SBS
Lesotho			53 800 000		26 000 000	
Madagascar	129 500 000		170 000 000	160 000 000	90 000 000	
Mali	156 530 000	87 000 000	150 000 000	106 500 000	155 700 000	
Mauritania			38 000 000	29 000 000		
Montserrat		17 200 000				
Mauritius	28 552 531	44 357 000	43 500 000		44 990 000	16 600 000
Malawi	85 500 000		175 000 000	60 000 000	123 890 000	
Mozambique	149 922 000	92 700 000	311 000 000	181 200 000	315 110 000	30 000 000
Namibia		85 000 000		60 200 000		
New Caledonia		21 500 000				
Niger	181 000 000		150 000 000	135 000 000	93 000 000	15 000 000
Saint Pierre and Miquelon		12 810 000				
Rwanda	101 764 000		175 000 000	35 000 000	184 440 000	78 800 000
Seychelles			7 500 000		15 500 000	
Saint Helena		15 590 000				
Sierra Leone	62 000 000		90 000 000	10 000 000	64 820 000	
Senegal	53 000 000		133 000 000	25 000 000	75 000 000	
São Tomé and Príncipe				13 300 000		
Turks and Caicos Islands	14 635 000					
Chad	23 800 000					
Togo	5 000 000		32 000 000		32 500 000	
Trinidad and Tobago		27 300 000		24 300 000		
Tanzania	201 000 000	43 500 000	305 000 000	139 000 000	314 840 000	70 000 000
Uganda	92 000 000	17 500 000	175 000 000	55 000 000	175 000 000	
Saint Vincent and Grenadines				6 200 000		
Vanuatu	4 750 000		8 600 000			
Samoa				25 500 000		15 300 000
Zambia	179 000 000	93 000 000	232 000 000	136 000 000	255 000 000	35 000 000
<b>TOTAL</b>	<b>2 481 678 612</b>	<b>988 079 139</b>	<b>3 636 200 000</b>	<b>1 914 900 000</b>	<b>2 900 150 000</b>	<b>648 200 000</b>

*GBS: general budget support (support for a country's national development strategy)*

*SBS sector budget support (support for a particular sector)*

Source: European Court of Auditors Special Report No 11/2010.

**BUDGET SUPPORT  
FROM DEVELOPMENT COOPERATION INSTRUMENT  
COMMITMENTS IN ASIAN AND LATIN AMERICAN COUNTRIES  
2002-2009**

Country	GBS	SBS	TOTAL
Bangladesh	0	105 000 000	105 000 000
Bolivia	0	96 500 000	96 500 000
Ecuador	0	54 600 000	54 600 000
Guatemala	0	33 800 000	33 800 000
Honduras	60 500 000	34 000 000	94 500 000
Indonesia	0	145 000 000	145 000 000
India	0	340 000 000	340 000 000
Kyrgyzstan	0	65 000 000	65 000 000
Cambodia	23 100 000	30 000 000	53 100 000
Laos	16 200 000	0	16 200 000
Nicaragua	75 500 000	92 900 000	168 400 000
Nepal	0	38 000 000	38 000 000
Peru	0	60 800 000	60 800 000
Philippines	0	59 000 000	59 000 000
Pakistan	0	109 000 000	109 000 000
Paraguay	24 000 000	54 000 000	78 000 000
El Salvador	37 000 000	37 100 000	74 100 000
Tajikistan	0	43 000 000	43 000 000
Uruguay	0	8 000 000	8 000 000
Vietnam	102 000 000	16 000 000	118 000 000
<b>TOTAL</b>	<b>338 300 000</b>	<b>1 421 700 000</b>	<b>1 760 000 000</b>
			breakdown as follows:
			2002-2006, from ALA: 810 125 000
			2007-2009, from DCI: 949 875 000

*GBS: general budget support (support to a country's national development strategy)*

*SBS: sector budget support (support for a particular sector)*

Source: European Court of Auditors Special Report No 11/2010

**BUDGET SUPPORT PAYMENTS IN 2009**  
**FROM EDF AND EU BUDGET (DCI)**

million EUR

REGION	Total budget support	GBS		SBS	
		Amount	% of total BS	Amount	% of total BS
<b>ACP</b> as % of BS to all regions	1 009.0 61%	755.1 97%	75%	253.9 29%	25%
<b>LATIN AMERICA</b> as % of BS to all regions	121.8 7%	6.5 1%	5%	115.3 13%	95%
<b>ASIA</b> as % of BS to all regions	112.0 7%	16.0 2%	14%	96.0 11%	86%
<b>ENPI</b> as % of BS to all regions	415.0 25%	0.0 0%	0%	415.0 47%	100%
<b>TOTAL</b> as % of BS to all regions	<b>1657.8</b> 100%	<b>777.6</b> 100%	<b>47%</b>	<b>880.2</b> 100%	<b>53%</b>

*GBS: general budget support (support for a country's national development strategy)*

*SBS: sector budget support (support for a particular sector)*

Source: DEVCO, European Commission



**LINK BETWEEN GBS ALLOCATIONS AND THE COMMISSION'S ASSESSMENT  
OF RISK OF NON-UTILISATION OF GBS DUE TO THE NON RESPECT OF THE  
ELIGIBILITY CRITERIA**

		LOW RISK	MEDIUM RISK	HIGH RISK
Number of ACP countries <i>with budget support programmes</i> planned in their national indicative programme for the 10th EDF		20	14	8
Number of ACP countries <i>with no budget support programmes</i> planned in their national indicative programme for the 10th EDF		0	8	18
Budget support as % of the national indicative programme for the 10th EDF	Average	73.0 %	63.2 %	35.0 %
	Lowest	48.1 %	39.6 %	19.9 %
	Highest	89.4 %	95.3 %	84.7 %

Source: European Court of Auditors Special Report No 11/2010

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	31.3.2011
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 25 -: 3 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marta Andreasen, Francesca Balzani, Reimer Böge, Lajos Bokros, Giovanni Collino, Jean-Luc Dehaene, James Elles, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Carl Haglund, Lucas Hartong, Monika Hohlmeier, Sergej Kozlik, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, Vladimír Maňka, Claudio Morganti, Nadezhda Neynsky, Miguel Portas, László Surján, Angelika Werthmann, Jacek Włosowicz
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Maria Da Graça Carvalho, Gerben-Jan Gerbrandy, Jan Olbrycht, Peter Šťastný
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ivo Vajgl